FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 5 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Dirk Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 25580M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Dicembru 2003 u tlett xhur ta qabel go San Giljan u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

1. assocja ruhu flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittraffika droga ristretta u psikotropika (ecstasy) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova jew ikkostitwa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 120A (1)(f) Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. talli biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstacy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;
3. fl-istess zmien dat u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal -1985 kif sussegwentament emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

4. forna jew ipprokura jew offra li jfroni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzjia mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra l-piena skond il-ligi tordna l-imputat ihallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kontra ordni tal-Avukat Generali datat 6 ta' Mejju 2014 sabiex il-kawza tinstema u tigi deciza sommarjament minn din l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw l-assocjazzjoni, l-pussess u t-traffikar ta' droga, senjatament ecstacy.

Illi tul sbatax il-sena kemm ilha pendenti dina l-kawza, l-posekuzzjoni irnexxielha biss tesebixxi stqarrija rilaxxata mill-imputat, proces verbal bid-datat tat-21 ta' Dicembru 2003 li sar fil-konfront ta' certu Stanley Mark konsistenti f'stqarrija rilaxxata minnu u kkonfermata quddiemMagistrat li fiha jissemma l-imputat izda fil-kuntest biss ta' xiri u mhux ta' traffikar ta' droga u x-xhieda ta' certu Malcolm Fava li bl-ebda mod ma tinkrimina lill-imputat.

Huwa car ghalhekk li l-imputat ghandu jigi liberat kif fil-fatt qieghed jigi.

A.M.Trigona
Magistrat